**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 473/16 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponenti u l-intimata izzewwgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u hamsa u sebghin (1975). – Dok. A

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illi huma maggorenni.

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment b'mod konsenswali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 14 ta' Frar 1997 fl-atti tan-nutar Dr. Pierre Attard. (Dokument B)

4. Illi l-esponenti u l-intimata qablu illi jiddekadu mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin skond klawsola 2 tal-kuntratt tas-separazzjoni.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntrattat fl-14 ta' Frar 1975 bejn il-partijiet;

(ii) Tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni tax-xoljiment taz-zwieg taghhom fl-att taz-zwieg relattiv.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru 2016;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, izda talbet illi l-Qorti tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Vella. Ir-rikorrenti ma opponix. Il-Qorti tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f'dan ir-rigward;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Frar 1997 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna

lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.